# IL-PAPAT TAS-16 SEKLU

**PAPA GULJU II**

Giuliano della Rovere twieled gewwa Albisola fil-5 ta' Dicembru 1443. Zijuh il-papa Sistu IV (1471 – 1484) hatru kardinal meta kellu biss 28 sena. Giuliano kellu hafna karigi diplomatici u missjonijiet politici fil-qrati





francizi u olandizi. Dan ix-xoghol kien ghalih ta' esperjenza kbira. Ghamel hiltu kollha biex jieqaf lit-tmexxija xejn ezemplari ta' xi papiet izda qatt ma kellu success. Madankollu qatt ma qata' qalbu u fl-ahhar fit-31 ta' Ottubru 1503 seta' jitla' fuq it-tron

ta' Pietru fuq l-ghazla tal-kardinali shabu. Huwa ha l-isem ta' Gulju II. Kien papa aggressiv tant li laqqmuh il-papa suldat u minhabba  l-karattru tieghu impulsiv qatt ma seta' jirnexxi fil-miri u pjanijiet tieghu. Ghazel l-isem ta' Gulju  minhabba l-ammirazzjoni li kellu lejn Gulju Cesare. Ismu kien jixraqlu tassew ghax ghalkemm kellu 60 sena kellu l-aspett ta' Cesare, adatt aktar biex ikun kaptan ta' armata milli papa imma kif isostni Rohrbarcher, il-knisja kellha bzonn ta' bniedem bhal dak ghal dawk iz-zminijiet.

Il-hsieb dominanti tieghu. u dan stqarru mal-mexxejja tal-pajjizi, kien li jerga' jqajjem il-qawwa temporali tal-knisja barra li jkisser l-imperu tork. Ghalhekk hajjar lill-mexxejja ta' Spanja biex jaghmlu paci ma' Franza jghaqqdu l-forzi taghhhom u johduha kontra l-imperu ottoman. Xtaq tassew li jeqred darba ghal dejjem il-presenza Borgia minn kullimkien imma biex jaghmel hekk ried inehhi minn nofs lil Cesare, iben Alessandro VI . U ta' prova ta' dan sena wara li kien mahtur papa: huwa hareg bolla fejn ha d-dukat ta' Semoneta minn idejn Rodrigo Borgia u lil Cesare ma tahx dak li kien wieghdu ftit xhur qabel li jkun kaptan generali tal-knisja. Biex jehles minn kull inkwiet li seta jinqala' mill-Borgia l-Papa ordna li jkun maqbudu mehud lejn Ruma. Borgia beza' li jkun kkundannat izda

il-Papa ma wasalx sa hawn u tah appartament gewwa l-Vatikan, naturalment taht ghassa l-aktar stretta. Cesare kiteb lill-kaptani tieghu biex icedu l-ibliet lill-Papa izda dawn irrifjutaw; dawk ta' Cesena mhux biss ma riedux anzi ghallqu lill-mibghuta tal-Papa.  Dan tant irrabja li qafel lil Cesare gewwa t-torri ta' Borgia. Ftit wara Gulju bired mill-korla tieghu u accetta li jnehhi mit-torri lil Cesare u jaghtih il-liberta taht il-harsien tal-kardinal spanjol Carnayal u baghtu fir-Romanja biex f'erbghin jum jikkonvinci lil kaptani jcedu l-ibliet u l-fortizzi ta' l-ibliet ta' Cesena, Forli u Bertinoro.

Bi zball minghajr ma kien jaf il-papa ta lill-kardinal Borgia  l-liberta' wara li cedew l-ibliet ta' Bertinoro u Cesena imma le Forli'.  Dan harab lejn Napli u mar ghand zijuh il-kardinal Lodovico Borgia li laqghu minn qalbu. Izda minhabba li kien ta' periklu Cesare gie maqbud mill-gdid u maqful fil-kastell ta' Ischia. Minn hawn intbaghat fi Spanja marbut bil-ktajjen u maqful fil-kastell ta' Medina del Campo u ghalkemm kien sorveljat irnexxilu fil-25 ta' Ottubru 1506 jahrab billi iddendel minn tieqa. Dan mar ghand il-kunjatu tieghu Giovanni d'Albrette, re ta' Navarra.  Gulju beza' ghal din l-ahbar izda malajr rega' serrah rasu ghaliex waslitlu ahbar li Cesare miet waqt il-glied taht il-hitan tal-kastell ta' Viana kontra r-ribelli

tal-kunjatu tieghu.

Il-jum tal-21 ta’ Jannar tas-sena 1506 hu d-data uficcjali ta’ meta Gulju II waqqaf il-Gwardji Svizzeri, sabiex dawn joffru protezzjoni lill-Papa. Gulju II anke laqqa’ koncilju generali maghruf bhala l-Hames Koncilju tal-Lateran li nzamm Ruma fis-sena 1512. Huwa kien ha gurament qabel l-elezzjoni tieghu li jobbliga ruhu li jsejjah dan il-koncilju, imma kif stqarr hu dam ma zamm kelmtu minhabba li l-ghedewwa tieghu kienu qed jokkupaw l-Italja. Huwa hareg bolla fejn fiha kkundanna s-simonija fl-elezzjoni papali, ghamel bosta riformi monastici, waqqaf skola ghall-kant ekklesjastiku u hadem biex jeqred il-korruzzjoni fil-knisja u l-Kurja Rumana. Fil-hajja politika tieghu huwa ghamel gwerra ma’ Venezja u biex ikollu aktar sahha halli jirbaha u jixref is-sahha temporali u papali fuq aktar ibliet, huwa ghamel parti mill-Lega ta’ Cambrai. Hsiebu rnexxilu u Venezja tilfet il-battalja f’ Mejju 1509 u tatu koncessjonijiet fosthom li rritornat lura lir-Rimini u Faenza lil istati Papali. Fis-sena 1512 il-Francizi gew imkeccija ‘l hemm mill-Alpi u ghalkemm Gulju stabbilixxa l-awtorita’ papali fl-istati madwar Ruma, prattikament kien ferm ‘l boghod milli jirrejalizza l-holma tieghu ta’ renju taljan independenti ghaliex

lahaq miet fi Frar tas-sena 1513.

Fit-taqlib kbir tal-hajja politiku tieghu huwa ma nesiex li jkun patrun ta' l-arti u l-letteratura.  Hadem biex isebbah hafna lir-Ruma u fis-sena 1506 pogga l-ewwel gebla tal-Basilka gdida ta' San Pietru.  Kien habib kbir u patrun ta' Bramante, Raffael u Mikelangelo li pitter is-saqaf tas-Sistina ghal Gulju II